REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) Nru 1159/2014

tat-30 ta' Ottubru 2014

li jimplimenta l-Artikolu 8a(1) tar-Regolament (KE) Nru 765/2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 765/2006 tat-18 ta' Mejju 2006 dwar miżuri restrittivi fir-rigward tal-Bjelorussja ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 8a(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fit-18 ta' Mejju 2006, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 765/2006.

(2) Il-Kunsill iqis li m'għadx hemm raġunijiet biex ċerti persuni u entitajiet jitħallew fuq il-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi kif stipulat fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006.

(3) Barra minn hekk, l-informazzjoni relatata ma' ċerti persuni u entitajiet fuq il-lista ta' persuni u entitajiet soġġetti għal miżuri restrittivi kif stipulat fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 għandha tiġi aġġornata.

(4) Għaldaqstant l-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 għandu jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

L-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006 hu b'dan emendat kif stipulat fl-Anness għal dan ir-Regolament.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Ottubru 2014.

Għall-Kunsill

Il-President

S. GOZI

([1]) ĠU L 134, 20.5.2006, p. 1.

ANNESS

I. Il-persuni u l-entitajiet li ġejjin huma mneħħija mil-lista li tinsab fl-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 765/2006:

A. **Persuni**

Nru 2 Akulich, Sviatlana Rastsislavauna;

Nru 3 Aliaksandrau, Dzmitry Piatrovich;

Nru 34 Chasnouski, Mechyslau Edvardavich;

Nru 45 Gardzienka, Siarhei Aliaksandravich;

Nru 46 Guseu, Aliaksei Viktaravich;

Nru 70 Kaliada, Aliaksandr Mikhailavich;

Nru 76 Kastsian, Siarhei Ivanavich;

Nru 82 Khadanovich, Aliaksandr Alyaksandrauvich;

Nru 90 Kisialiova, Nadzeia Mikalaeuna;

Nru 99 Krot, Ihar Uladzimiravich;

Nru 100 Krukouski, Viachaslau Iafimavich;

Nru 102 Kukharchyk, Piotr Dzmitryevich;

Nru 132 Mikhalchanka, Aliaksei Yakaulevich;

Nru 141 Orda, Mikhail Siarheevich;

Nru 143 Padaliak, Eduard Vasilievich;

Nru 147 Peftsieu, Uladzimir Paulavich;

Nru 159 Reliava, Aksana Anatolyeuna;

Nru 172 Sheiko, Ina Valerieuna;

Nru 189 Stosh, Mikalai Mikalaevich;

Nru 197 Taranda, Aliaksandr Mikhailavich;

Nru 198 Tarapetskaia, Halina Mikhailauna;

Nru 199 Ternavsky, Anatoly Andreevich;

Nru 205 Tsitsiankova, Alena Viktarauna;

Nru 220 Yuferytsyn, Dzmitry Viktaravich.

B. **Entitajiet**

Nru 2 Private Unitary Enterprise (PUE) BT Telecommunications;

Nru 6 JLLC Neftekhimtrading;

Nru 21 JLLC Triplepharm;

Nru 22 LLC Triple-Veles;

Nru 23 Univest-M;

Nru 24 FLLC Unis Oil;

Nru 25 JLLC UnivestStroyInvest.

II. L-entrati għall-persuni u l-entitajiet li ġejjin stipulati fl-Anness I għad-Deċiżjoni (KE) Nru 765/2006 huma sostitwiti b'dan li ġej:

A. **Persuni**

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Isem (Ortografija Bjelorussa)	Isem (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet
12.	Bakhmatau, Ihar Andreevich Bakhmatov, Igor Andreevich	БАХМАТАЎ, Ігар Андрэевіч	БАХМАТОВ, Игорь Андреевич	Indirizz: БФСО "Динамо" 220030, г. Минск, ул. Кирова 8 корп. 2	Kien involut attivament fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Bjelorussja. Bħala ex-Viċi Kap tal-KGB, inkarigat mill-persunal u l-organizzazzjoni tad-dmirijiet tagħhom, kien responsabbli għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. Ġie riassenjat mal-forzi tar-riżerva f'Mejju 2012. Membru wkoll tal-Kunsill Ċentrali ta' CJSC Dinamo- Minsk li huwa elenkat fil-punt 20 tat-Taqsima B.
33.	Charnyshou, Aleh Anatolievich Chernyshev, Oleg Anatolievich	ЧАРНЫШОЎ, Алег Анатольевіч	ЧЕРНЫШЕВ, Олег Анатольевич	Indirizz: КГБ 210623, г. Минск, проспект Независимости, 17	Viċi Kap tal-KGB, inkarigat mill-intelligence estera, minn April 2014. Kurunell, kien responsabbli mill-unità ta' kontra t-terroriżmu tal-KGB, l-unità "Alpha". Huwa pparteċipa personalment fit-trattament inuman u degradanti ta' attivisti tal-oppożizzjoni fiċ-ċentru ta' detenzjoni tal-KGB f'Minsk wara t-tranżżin tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.
35.	Chatviartkova, Natallia Alexeeuna Chetvertkova, Natalia Alexeevna (Chetvertkova, Natalya Alexeevna)	ЧАТВЯРТКОВА, Наталля Алексееўна	ЧЕТВЕРТКОВА, Наталья Алексеевна		Kienet Viċi President u mħallef tal-Qorti Distrettwali ta' Partizanski ta' Minsk (sat-18.6.2012). Hija trattat il-proċess tal-eks-kandidat presidenzjali Andrei Sannikov, attivista tas-soċjetà ċivili Ilia Vasilevich, Fedor Mirzoianov, Oleg Gnedchik u Vladimir Yeriomenok. Il-mod kif mexxiet il-proċess kien ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Hija sostniet l-użu ta' evidenza u ta' xhieda irrilevanti għall-akkużati.

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Isem (Ortografija Bjelorussa)	Isem (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet
40.	Dysko, Henadz Iosifavich Dysko, Gennadi Iosifovich	ДЫСКО, Генадзь Іосіфавіч	ДЫСКО, Генадий Иосифович	Data tat-twelid: 1964 Post tat-twelid: Oshmiany, reġjun ta' Hrodna Indirizz: 210601 г. Витебск, ул. Жесткова, 14a (ul. Zhestkova, 14a Vitebsk)	Prosekutur tar-Reġjun ta' Vitebsk sat-2.8.2011. Responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili wara l-elezzjonijiet ta' Diċembru 2010. Dan jinkludi r-responsabbiltà għal kawżi kontra Siarhei Kavalenka u Andrei Haidukow.
41.	Dzemiantsei, Vasil Ivanavich (Dzemyantsey, Vasil Ivanovich) Dementei, Vasili Ivanovich (Dementey, Vasili Ivanovich)	ДЗЕМЯНЦЕЙ, Васіль Іванавіч	ДЕМЕНТЕЙ, Василий Иванович	Data tat-twelid: 20.9.1954 Post tat-twelid: Distrett ta' Chashniki, reġjun ta' Vitebsk ID: 3200954E045PB4 Indirizz: Гродненская региональная таможня 230003, г. Гродно, ул. Карского, 53	Kap tal-Kumitat reġjonali tad-Dwana ta' Hrodna, kien l-Ewwel Viċi President tal-KGB (2005-2007), kien Viċi Kap tal-Kumitat tad-Dwana tal-Istat. Huwa responsabbli għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u oppożizzjoni demokratika, b'mod partikolari fl-2006 u l-2007.
42.	Dziadkou, Leanid Mikalaevich Dedkov, Leonid Nikolaevich	ДЗЯДКОЎ, Леанід Мікалаевіч	ДЕДКОВ, Леонид Николаевич	Data tat-twelid: 10.1964 ID: 3271064M000PB3 Indirizz: КГБ 210623, г. Минск, проспект Независимости, 17	Eks-Viċi Kap tal-KGB (minn Lulju 2013), inkarigat mill-intelligence estera. Kien responsabbli wkoll għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u oppożizzjoni demokratika.
55.	Hureeu Siarhei Viktaravich (Hureyeu Siarhey Viktaravich) Gureev Sergei Viktorovich, (Gureyev Sergey Viktorovich)	ГУРЭЕЎ, Сяргей Віктаравіч	ГУРЕЕВ, Сергей Викторович		Kien involut attivament fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Bjelorussja. Bħala eks-Viċi Ministru tal-Intern u Kap tal-Investigazzjoni Preliminari, huwa kien responsabbli għas-soppressjoni vjolenti ta' protesti u ksur tad-drittijiet tal-bniedem matul il-proċedimenti tal-investigazzjonijiet fir-rigward tal-elezzjonijiet ta' Diċembru 2010. Inġħaqad mal-forzi ta' riżerva fi Frar 2012. Attwalment huwa Ġeneral fil-forzi ta' riżerva.

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Isem (Ortografija Bjelorussa)	Isem (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet
62.	Iauseev, Ihar Uladzimiravich (Yauseev, Ihar Uladzimiravich; Yauseyev, Ihar Uladzimiravich) Evseev, Igor Vladimirovich (Yevseev, Igor Vladimirovich; Yevseyev, Igor Vladimirovich)	ЯЎСЕЕЎ, Ігар Уладзіміравіч	ЕВСЕЕВ, Игорь Владимирович	Data tat-twelid: 1968 Indirizz: г.Витебск, пр-т Фрунзе, д.41а	Kap tal-Pulizija reġjonali ta' Vitebsk (minn Ġunju 2012), ġeneral tal-pulizija (mill-2013). Ex-Viċi Kap tal-Pulizija ta' Minsk u Kap tal-iskwadra ta' kontra l-irvellijiet (OMON) ta' Minsk. Kellu l-kmand tat-truppi li xejnu d-dimostrazzjonijiet paċifiċi tad-19 ta' Diċembru 2010 u ħa sehem personalment fil-brutalità, u għal dan irċieva premju u ittra ta' rikonoxximent mill-President Lukashenka fi Frar 2011. Fl-2011, kellu l-kmand ukoll tat-truppi li rażżnu diversi protesti oħra minn attivisti politiċi u ċittadini paċifiċi f'Minsk.
68.	Kakunin, Aliaksandr Aliaksandravich (Kakunin, Aliaxandr Aliaxandravich) Kakunin, Aleksandr Aleksandravich (Kakunin, Alexandr Alexandrovich)	КАКУНИН, Александр Александрович	КАКУНІН, Аляксандр Аляксандровіч	Kap tal-kolonja penali IK-2 f'Bobruisk	Responsabbli għat-trattament inuman tal-priġunieri politiċi A. Sannikau u A. Beliatski fil-kolonja penali IK-2 f'Bobruisk. Attivisti tal-oppożizzjoni ġew ittorturati, imċaħħda mill-aċċess għall-avukati u mqiegħda fl-iżolament fil-kolonja penali taħt is-superviżjoni tiegħu. Kakunin għamel pressjoni fuq A. Beliatski u A. Sannikau sabiex iġiegħelhom jiffirmaw appell għal maħfra.
73.	Kanapliou, Uladzimir Mikalaevich Konoplev, Vladimir Nikolaevich	КАНАПЛЕЎ, Уладзімір Мікалаевіч	КОНОПЛЕВ, Владимир Николаевич	Data tat-twelid: 3.1.1954 Post tat-twelid: Akulintsi, reġjun ta' Mohilev ID: 3030154A124PB9 Indirizz: Национальный олимпийский комитет Республики Беларусь 220020 г. Минск ул. Радужная, 27	Huwa għandu rabtiet mill-qrib mal-President Lukashenka li miegħu ħadem mill-qrib matul is-snin tmenin u l-aktar fis-snin disgħin. Viċi Kap tal-Kumitat Olimpiku Nazzjonali (il-Kap huwa Alexandr Lukashenka), Kap tal-Federazzjoni tal-Handball. Ex-President tal-Kamra Inferjuri tal-Parlament, maħtur mill-President. Kien wieħed mill-atturi ewlenin fl-elezzjoni presidenzjali frodulenti fl-2006. Ingħata residenza f'Minsk, fid-distrett tan-nomenklatura Drozdy mill-Amministrazzjoni Presidenzjali.

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Isem (Ortografija Bjelorussa)	Isem (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet
78.	Kavaliou, Aliaksandr Mikhailavich Kovalev, Aleksandr Mikhailovich	КАВАЛЕЎ, Аляксандр Міхайлавіч	КОВАЛЕВ, Александр Михайлович		Kien Direttur tal-kamp tal-priġunieri f'Horki. Huwa kien responsabbli għat-trattament inuman tad-detenuti, speċjalment għall-persekuzzjoni u t-trattament ta' tortura tal-attivist tas-soċjetà ċivili Dmitri Dashkevich, li ġie mitfugħ il-ħabs b'rabta mal-elezzjonijiet tad-19 ta' Diċembru 2010 u t-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.
85.	Khmaruk, Siargei Konstantinovich Khmaruk, Sergei Konstantinovich (Khmaruk, Sergey Konstantinovich)	ХМАРУК, Сяргей Канстанцінавіч	ХМАРУК, Сергей Константинович	Indirizz: Прокуратура г. Минска ул. Раковская 38	Prosekutur tal-Belt ta' Minsk. Kien Prosekutur tar-Reġjun ta' Brest. Responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili wara l-elezzjonijiet ta' Diċembru 2010. Promoss fi Frar 2011.
93.	Konan, Viktar Aliaksandravich Konon, Viktor Aleksandrovich	КОНАН, Віктар Аляксандравіч	КОНОН, Виктор Александрович		Ħadem attivament biex jimmina d-demokrazija fil-Bjelorussja. Fir-rwol li kellu bħala Viċi Prosekutur Ġenerali sal-2012, huwa kien inkarigat u involut direttament fl-attivitajiet kollha tal-intelligence mwettqa mill-uffiċċju tal-Prosekutur Ġenerali kontra entitajiet indipendenti u tal-oppożizzjoni, inkluż fl-2010.
94.	Kornau, Uladzimir Uladzimiravich Kornov, Vladimir Vladimirovich	КОРНАЎ, Уладзімір Уладзіміравіч	КОРНОВ, Владимир Владимирович	Indirizz: Суд Советского района г. Минска 220113, г. Минск, Логойский тракт, 3 Tel: +375 17 280 83 40	Kap tal-Qorti Distrettwali ta' Sovetski ta' Minsk, kien Imħallef fil-Qorti tal-Belt ta' Minsk li awtorizza ċ-ċaħda tal-appell ta' Byalyatski. Byalyatski kien attiv fid-difiża u l-għoti ta' assistenza lil dawk li sofrew minn repressjoni marbuta mal-elezzjonijiet tad-19 ta' Diċembru 2010 u t-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.
95.	Korzh, Ivan Aliakseevich Korzh, Ivan Alekseevich	КОРЖ, Іван Аляксеевіч	КОРЖ, Иван Алексеевич		Ġeneral, Kap tal-KGB tar-Reġjun ta' Hrodna. Responsabbli għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fir-reġjun ta' Hrodna.

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Isem (Ortografija Bjelorussa)	Isem (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet
97.	Krasheuski, Viktar Krashevski, Viktor	КРАШЭЎСКІ, Віктар	КРАШЕВСКИЙ, Виктор		Ġeneral, Kien Kap tal-GRU (Dipartiment tal-Intelligence tal-Ministeru tad-Difiża) u Viċi Kap tal-persunal tal-Forzi Armati tal-Bjelorussja (sa Frar 2013). Responsabbli għall-attività tas-servizzi tal-intelligence fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.
105.	Kuzniatsou, Ihar Nikonavich Kuznetsov, Igor Nikonovich	КУЗНЯЦОЎ, Ігар Ніконавіч	КУЗНЕЦОВ, Игорь Никонович	Indirizz: Ċentru ta' Taħriġ tal-KGB Бядули 2, 220034, Минск	Ġeneral, Kap taċ-Ċentru ta' Taħriġ tal-KGB, kien Kap tal-KGB fir-reġjun ta' Minsk u fil-belt ta' Minsk. Bħala l-persuna responsabbli għat-tħejjija u t-taħriġ tal-persunal tal-KGB, huwa kien responsabbli għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. Fir-rigward tal-funzjonijiet preċedenti tiegħu, huwa kien responsabbli għall-istess attività repressiva tal-KGB fil-belt ta' Minsk u fir-reġjun ta' Minsk.
114.	Liabedzik, Mikhail Piatrovich Lebedik, Mikhail Petrovich	ЛЯБЕДЗІК, Міхаіл Пятровіч	ЛЕБЕДИК, Михаил Петрович	Indirizz: Ул. Б. Хмельницкого, 10 а, Минск, 220013	Matul il-kampanja elettorali Presidenzjali tal-2010 huwa nħatar mill-Kap tal-Kumitat Elettorali Ċentrali. L-ewwel Viċi Kap (maħtur mill-ġdid fil-21 ta' Jannar 2014) tal-Bord Superviżorju inkarigat mill-monitoraġġ tal-konformità mal-proċeduri u r-regoli tal-kampanji elettorali fil-mezzi tal-informazzjoni, u, bħala tali, kellu rwol attiv fil-propaganda tar-reġim matul il-kampanji elettorali tal-2010 u l-2012. Fis-26 ta' Ottubru 2011 huwa ingħata l-"Ordni ta' Franzisk Skorina" mill-President. F'Settembru 2012, huwa rrifjuta li jinkludi membri tal-mezzi tal-informazzjoni indipendenti fil-Bord. L-Ewwel Viċi Editur tal-gazzetta tal-Amministrazzjoni tal-President u l-gazzetta ewlenija ta' propaganda "Sovietskaia Belarus". Sors ta' politika favur il-gvern, iffalsifika l-fatti u għamel kummenti inġusti dwar il-proċessi li għaddejjin fil-Bjelorussja kontra l-oppożizzjoni demokratika u s-soċjetà ċivili, li ġew deskritti sistematikament b'mod negattiv u derogatorju, b'mod partikolari wara l-elezzjonijiet Presidenzjali fl-2010.

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Isem (Ortografija Bjelorussa)	Isem (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet
115.	Liaskouski, Ivan Anatolievich Leskovski, Ivan Anatolievich	ЛЯСКОЎСКІ, Іван Анатольевіч	ЛЕСКОВСКИЙ, Иван Анатольевич		Kien Kap tal-KGB għar-reġjun ta' Homel u kien Viċi Kap tal-KGB għal Homel. Responsabbli għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fir-reġjun ta' Homel. Huwa tneħħa mill-pożizzjoni tiegħu mill-President fit-2 ta' April 2014 għal imġiba mhux xierqa.
117.	Lomats, Zianon Kuzmich Lomat, Zenon Kuzmich	ЛОМАЦЬ, Зянон Кузьміч	ЛОМАТЬ, Зенон Кузьмич	Data tat-twelid: 27.1.1944 Post tat-twelid: Karabani, Minsk	Ħadem attivament biex jimmina d-demokrazija fil-Bjelorussja. Fir-rwol li kellu bħala President tal-Kumitat għall-Kontroll mill-Istat (sal-2010) kien wieħed mill-persuni ewlenin involuti fil-każ ta' Ales Byalyatski, wieħed mid-difensuri l-aktar prominenti tad-drittijiet tal-bniedem, Kap taċ-Ċentru tad-Drittijiet tal-Bniedem Bjelorussu "Vyasna", Viċi President tal-FIDH. A. Byalyatski kien attiv fid-difiża u l-għoti ta' assistenza lil dawk li batew mir-repressjoni marbuta mal-elezzjonijiet tad-19 ta' Diċembru 2010 u t-trażżin tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika.
118.	Lopatko, Alexander Alexandrovich	Александр Александрович Лопатко	Аляксандр Аляксандровіч Лапатка	Viċi Kap tal-kolonja penali IK-9 f'Mazyr	Responsabbli għat-trattament inuman ta' D.Dashevich, li jinkludi torturi u ċaħda tal-aċċess għal rappreżentanti legali. Lopatko kellu pożizzjoni ewlenija fil-kolonja penali fejn inżamm Dashekevich u fejn ġiet applikata pressjoni psikoloġika, inkluża ċ-ċaħda ta' irqad u l-iżolament, fuq il-priġunieri politiċi inkluż is-Sur Dashekevich.
120.	Lukashenka, Dzmitry Aliaksandravich Lukashenko, Dmitri Aleksandrovich	ЛУКАШЭНКА, Дзмітрый Аляксандравіч	ЛУКАШЕНКО, Дмитрий Александрович	Data tat-twelid: 23.3.1980 Indirizz: Klabb tal-Isports tal-President 220029, г. Минск, ул. Старовиленская, 4.	Negozjant, b'parteċipazzjoni attiva f'operazzjonijiet finanzjarji li jinvolvu l-familja Lukashenka. President tal-Klabb tal-Isports tal-President.

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Isem (Ortografija Bjelorussa)	Isem (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet
126.	Maltsau, Leanid Siamionavich Maltsev, Leonid Semenovich	МАЛЬЦАЎ, Леанід Сяменавіч	МАЛЬЦЕВ, Леонид Семенович	Data tat-twelid: 29.8.1949, Post tat-twelid: Vetenevka, Slonim rayon, Reġjun ta' Hrodna (д. Ветеньевка, Слонимского района, Гродненской области) ID: 3290849A002PB5	Kap tal-Kumitat tal-Fruntiera tal-Istat, kien Segretarju tal-Kunsill tas-Sigurtà.
137.	Navumau, Uladzimir Uladzimiravich Naumov, Vladimir Vladimirovich	НАВУМАЎ, Уладзімір Уладзіміравіч	НАУМОВ, Владимир Владимирович	Data tat-twelid: 7.2.1956, Post tat-twelid: Smolensk (Russja)	Naqas milli jieħu azzjoni biex jinvestiga l-każ tal-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Bjelorussja fl-1999 u fl-2000. Ex-Ministru tal-Intern u wkoll ex-Kap tas-Servizz tas-Sigurtà tal-President. Bħala Ministru tal-Intern huwa kien responsabbli għar-repressjoni matul id-dimostrazzjonijiet paċifiċi sakemm irtira fis-6 ta' April 2009 għal raġunijiet ta' saħħa. Ingħata residenza f'Minsk fid-distrett tan-nomenklatura Drozdy mill-Amministrazzjoni Presidenzjali.
146.	Paulichenka, Dzmitry Valerievich Pavlichenko, Dmitri Valerievich (Pavlichenko, Dmitriy Valeriyevich)	ПАЎЛІЧЭНКА, Дзмітрый Валер'евіч	ПАВЛИЧЕНКО, Дмитрий Валериевич	Data tat-twelid: 1966, Post tat-twelid: Vitebsk Indirizz: Белорусская ассоциация ветеранов спецподразделений войск МВД "Честь" 220028, Минск Маяковского, 111	Persuna ċentrali fl-għajbien mhux solvut ta' Yuri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Bjelorussja fl-1999 u fl-2000. Kien Kap tal-Grupp ta' Reazzjoni Speċjali fil-Ministeru tal-Intern (SOBR). Negozjant, Kap tal-"Unur", l-Assoċjazzjoni tal-Ministeru tal-Intern tal-veterani minn forzi speċjali tal-Ministeru tal-Intern.
148.	Piakarski, Aleh Anatolievich Pekarski, Oleg Anatolievich	ПЯКАРСКІ, Алег Анатольевіч	ПЕКАРСКИЙ, Олег Анатольевич	ID: 3130564A041PB9	Kien involut attivament fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Bjelorussja. Bħala l-ewwel Viċi Ministru tal-Intern (sal-2012), kien responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili wara l-elezzjonijiet ta' Diċembru 2010. Kurunell fil-forzi ta' riżerva.

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Isem (Ortografija Bjelorussa)	Isem (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet
155.	Pykina, Natallia Mikhailauna (Pykina, Natalia Mikhailauna) Pikina, Natalia Mikhailovna (Pykina, Natalya Mikhailovna)	ПЫКІНА, Наталля Міхайлаўна	ПЫКИНА, Наталья Михайловна	Data tat-twelid: 20.4.1971 Post tat-twelid: Rakov Indirizz: Суд Партизанского района г. Минска 220027, г. Минск, ул. Семашко, 33	Responsabbli għall-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet amministrattivi u kriminali motivati politikament kontra rappreżentanti tas-soċjetà ċivili. Imħallef tal-Qorti Distrettwali Partizanski li qed tittratta l-kawża ta' Likhovid. Fid-29 ta' Marzu 2011, hija kkundannat lis-Sur Likhovid, attivist ta' "Il-Moviment għall-Ħelsien", għal tliet snin u nofs ħabs. Hija ġiet maħtura Viċi President tal-Qorti Distrettwali ta' Partizanski ta' Minsk.
157.	Rakhmanava, Maryna Iurievna Rakhmanova, Marina Iurievna	РАХМАНАВА, Марына Юр'еуна	РАХМАНОВА, Марина Юрьевна	Data tat-twelid: 1970 Post tat-twelid: Hrodna	Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (KEĊ) u Kap tad-Dipartiment tat-Talbiet Pubbliċi fl-amministrazzjoni reġjonali ta' Hrodna. Bħala Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, hija kienet responsabbli għall-ksur tal-istandards elettorali internazzjonali fl-elezzjonijiet Presidenzjali tad-19 ta' Diċembru 2010 u fl-elezzjonijiet Parlamentari ta' Settembru 2012.
160.	Rubinau, Anatol Mikalaevich Rubinov, Anatoli Nikolaevich	РУБІНАЎ, Анатоль Мікалаевіч	РУБИНОВ, Анатолий Николаевич	Data tat-twelid: 15.4.1939 Mohilev	President tal-Kamra Superjuri tal-Parlament, kien Viċi Kap inkarigat mill-Mezzi tal-Informazzjoni u l-Ideoloġija tal-Amministrazzjoni tal-President (2006-2008). F'dik il-pożizzjoni, kien wieħed mill-għejun u l-ilħna ewlenin tal-propaganda statali u tal-appoġġ ideoloġiku għar-reġim. Membru tal-Kunsill tas-Sigurtà minn Marzu 2014.
161.	Rusak, Viktar Uladzimiravich Rusak, Viktor Vladimirovich	РУСАК, Віктар Уладзіміравіч	РУСАК, Виктор Владимирович	Data tat-twelid: 4.5.1955 Post tat-twelid: Minsk Indirizz: Палата представителей Национального собрания Республики Беларусь 220010, Республика Беларусь, г. Минск, ул. Советская, 11	Membru tal-Kamra Inferjuri tal-Parlament, Viċi Kap tal-Kumitat għas-Sigurtà Nazzjonali. Ex-Kap tal-Bord tal-KGB għas-Sigurtà Ekonomika. Kien responsabbli għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Isem (Ortografija Bjelorussa)	Isem (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet
166.	Sauko, Valery Iosifavich Savko, Valeri Iosifovich	САЎКО, Валерый Іосіфавіч	САВКО, Валерий Иосифович		Kap tal-fergħa Hrodna tat-trade union favur ir-reġim. Ex-Kap tal-Kummissjoni Elettorali Reġjonali (KER) tar-Reġjun ta' Hrodna għall-elezzjoni Presidenzjali tal-2010 u l-elezzjonijiet lokali ta' Marzu 2014. Bħala President ta' Kummissjoni Elettorali Reġjonali, kien responsabbli għall-ksur tal-istandards elettorali internazzjonali fl-elezzjonijiet Presidenzjali tad-19 ta' Diċembru 2010, u għall-falsifikazzjonijiet fl-elezzjonijiet lokali ta' Marzu 2014 fir-reġjun ta' Hrodna.
167.	Shaeu, Valiantsin Piatrovich (Shayeu, Valyantsin Piatrovich) Shaev, Valentin Petrovich (Shayev, Valentin Petrovich)	ШАЕЎ, Валянцін Пятровіч	ШАЕВ, Валентин Петрович		Membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, Kap tal-Kumitat ta' Investigazzjoni, kien Viċi Kap tal-Kumitat ta' Investigazzjoni, kien Prosekutur tar-reġjun ta' Homel. Responsabbli għar-repressjoni tas-soċjetà ċivili wara l-elezzjonijiet ta' Diċembru 2010.
171.	Shchurok, Ivan Antonavich Shchurok, Ivan Antonovich	ШЧУРОК, Іван Антонавіч	ЩУРОК, Иван Антонович		Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali (KEĊ) u Kap tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni fl-amministrazzjoni reġjonali ta' Vitebsk. Bħala Membru tal-Kummissjoni Elettorali Ċentrali, kien responsabbli għall-ksur tal-istandards elettorali internazzjonali fl-elezzjonijiet Presidenzjali tad-19 ta' Diċembru 2010 u fl-elezzjonijiet Parlamentari ta' Settembru 2012.
184.	Sirenka, Viktar Ivanavich Sirenko, Viktor Ivanovich	СІРЭНКА, Віктар Іванавіч	СИРЕНКО, Виктор Иванович	Data tat-twelid: 4.3.1962 ID: 3040362B062PB7 Indirizz: Комитет по здравоохранению Минского горисполкома ул. Маяковского, 22, корп. 2, 220006, г. Минск	Kap tal-Kumitat għall-Kura tas-Saħħa fil-Belt ta' Minsk u ex-Kap Kirurgu tal-Isptar tal-Emerġenza ta' Minsk. Huwa ma opponiex il-ħtif tal-kandidat presidenzjali Nekliayev, li kien ittrasportat lejn l-isptar tiegħu wara li safa' msawwat severament fid-19 ta' Diċembru 2010 u, billi naqas li jsejjaħ lill-pulizija, ikkoopera mal-awturi mhux magħrufa. Dan in-nuqqas ta' azzjoni wassal għall-promozzjoni. Bħala Kap tal-Kumitat għall-Kura tas-Saħħa fil-Belt ta' Minsk huwa responsabbli għas-superviżjoni tal-użu ta' istituzzjonijiet tal-kura tas-saħħa għall-ħaddiema fis-soppressjoni tad-drittijiet tal-bniedem.

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Isem (Ortografija Bjelorussa)	Isem (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet
185.	Sivakau, Iury Leanidavich (Sivakau, Yury Leanidavich) Sivakov, Iury (Yurij, Yuri) Leonidovich	СІВАКАЎ, Юрый Леанідавіч	СИВАКОВ, Юрий Леонидович	Data tat-twelid: 5.8.1946, Post tat-twelid: Onory, Reġjun ta' Sakhalin Indirizz: Белорусская ассоциация ветеранов спецподразделений войск МВД "Честь" 220028, Минск Маяковского, 111	Organizza l-għajbien mhux solvut ta' uri Zakharenko, Viktor Gonchar, Anatoly Krasovski u Dmitri Zavadski fil-Bjelorussja fl-1999-2000. Ex-Ministru għat-Turiżmu u l-Isport, ex-Ministru għall-Intern u kien Viċi Kap tal-Amministrazzjoni Presidenzjali.
186.	Skurat, Viktar Vatslavavich Skurat, Viktor Vatslavovich	СКУРАТ, Віктар Вацлававіч	СКУРАТ, Виктор Вацлавович		Kien Kap tad-Dipartiment tas-Sigurtà tal-Ministeru għall-Intern. F'din il-kapaċità responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika, b'mod partikolari wara dak li seħħ b'riżultat tal-elezzjonijiet presidenzjali tal-2010. Fi Frar 2011, huwa rċieva premju fil-forma ta' ċertifikat ta' rikonoxximent għas-servizzi tiegħu. Irtirat minn Frar 2013. Kap tad-dipartiment tas-sigurtà tal-kumpannija holding "MZOR", li hija kumpannija tal-Istat taħt ir-responsabbiltà tal-Ministeru għall-Industrija tar-Repubblika tal-Bjelorussja u għalhekk assoċjat direttament marreġim ta' Lukashenka.
201.	Traulka, Pavel Traulko, Pavel	ТРАЎЛЬКА, Павел	ТРАУЛЬКО, Павел		Logutenent Kurunell, li kien operattiv tal-kontrospjunaġġ militari tal-KGB (attwalment kap tas-servizz tal-istampa tal-Kumitat Investigattiv tal-Bjelorussja). Huwa ffalsifika evidenza u uża theddid sabiex jikseb konfessjonijiet mingħand attivisti tal-oppożizzjoni fiċ-ċentru ta' detenzjoni tal-KGB f'Minsk wara t-trażżin tad-dimostrazzjoni ta' protesta wara l-elezzjoni f'Minsk fid-19 ta' Diċembru 2010. Huwa kien direttament responsabbli għall-użu ta' trattament jew kastig krudili, inuman u degradanti u għaċ-ċaħda tad-dritt għal proċess ġust. L-azzjonijiet tiegħu kienu jikkostitwixxu ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Isem (Ortografija Bjelorussa)	Isem (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet
202.	Trutka, Iury Igorevich (Trutka, Yury Igorevich) Trutko, Iury (Yurij, Yuri) Igorevich	ТРУТКА, Юрый Ігаравіч	ТРУТКО, Юрий Игоревич	Viċi Kap tal-kolonja penali IK-2 f'Bobruisk	Responsabbli għat-trattament inuman u krudili tal-priġunieri politiċi A. Sannikau u A. Beliatski fil-kolonja penali IK-2 f'Bobruisk. Attivisti tal-oppożizzjoni ġew ittorturati, miċħuda l-aċċess għal rappreżentazzjoni legali u mqiegħda fl-iżolament fil-kolonja penali taħt is-sorveljanza tiegħu. Trutko għamel pressjoni fuq A. Beliatski u A. Sannikau sabiex iġiegħelhom jiffirmaw appell għal maħfra.
217.	Volkau, Siarhei Mikhailavich Volkov, Sergei Mikhailovich (Volkov, Sergey Mikhailovich)	ВОЛКАЎ, Сяргей Міхайлавіч	ВОЛКОВ, Сергей Михайлович		Kien involut attivament fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Bjelorussja. Bħala eks-Kap tal-Bord tal-KGB tal-Intelligence, kien responsabbli wkoll għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.
221.	Zaharouski, Anton Uladzimiravich Zagorovski, Anton Vladimirovich	ЗАГАРОЎСКІ, Антон Уладзіміравіч	ЗАГОРОВСКИЙ, Антон Владимирович		Prosekutur tal-Belt ta' Minsk, kien Prosekutur tad-Distrett Frunzenski ta' Minski, li ttratta l-kawża tad-dimostrant Vasili Parfenkov fi Frar 2011, u l-kawża kontra A. Sannikau f'Lulju 2011. Responsabbli għall-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet amministrattivi u kriminali politikament motivati kontra r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili.
222.	Zaitsau, Vadzim Iurievich Zaitsev, Vadim Iurievich	ЗАЙЦАЎ, Вадзім Юр'евіч	ЗАЙЦЕВ, Вадим Юрьевич	Data tat-twelid: 1964 Post tat-twelid: Reġjun ta' Zhitomyr, Ukraina (USSR)	Kap Eżekuttiv tal-kumpannija pubblika-privata Cosmos TV minn Ġunju 2013, maħtur mill-Gvern tal-Bjelorussja bħala rappreżentant tal-Istat. Kien Kap tal-KGB (Lulju 2008-Novembru 2012). Responsabbli għat-trasformazzjoni tal-KGB fl-organu prinċipali tar-repressjoni tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni demokratika. Responsabbli għat-tixrid, permezz tal-mezzi tal-informazzjoni, ta' informazzjoni falza dwar id-dimostranti fid-19 ta' Diċembru 2010, meta allega li kienu ġabu materjal biex jintuża bħala armi. Huwa hedded personalment il-ħajja u s-saħħa tal-mara u t-tifel tal-eks-kandidat presidenzjali Andrei Sannikov. Huwa l-istigatur prinċipali ta' ordnijiet għal intimidazzjoni illegali tal-oppożizzjoni demokratika, it-tortura ta' avversarji politiċi u l-maltrattament tal-priġunieri.

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Isem (Ortografija Bjelorussa)	Isem (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet
224.	Zakharau, Aliaksei Ivanavich Zakharov, Aleksei Ivanovich (Zakharov, Alexey Ivanovich)	ЗАХАРАЎ, Аляксей Іванавіч	ЗАХАРОВ, Алексей Иванович		Kien involut attivament fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili fil-Bjelorussja. Bħala eks-Kap tal-Bord ta' Kontrospjunaġġ Militari tal-KGB (sal-2012), kien responsabbli għall-attività repressiva tal-KGB kontra s-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika. Taħt is-superviżjoni tiegħu, il-persunal tal-KGB ħa sehem f'interrogazzjonijiet ta' attivisti politiċi wara d-dimostrazzjoni tad-19 ta' Diċembru 2010.
226.	Zhadobin, Iury Viktaravich (Zhadobin, Yury Viktaravich) Zhadobin, Iuri Viktorovich (Zhadobin, Yuri Viktorovich)	ЖАДОБІН, Юрый Віктаравіч	ЖАДОБИН, Юрий Викторович	Data tat-twelid: 14.11.1954 Post tat-twelid: Dnipropetrovsk ID: 3141154A021PB0	Ministru għad-Difiża minn Diċembru 2009. Bħala membru tal-Kunsill tas-Sigurtà, japprova d-deċiżjonijiet repressivi maqbula fil-livell ministerjali, inkluża d-deċiżjoni dwar ir-repressjoni tad-dimostrazzjonijiet paċifiċi fid-19 ta' Diċembru 2010. Wara Diċembru 2010, faħħar ir-"rebħa totali fuq forzi distruttivi", meta rrefera għall-oppożizzjoni demokratika.
227.	Zhuk, Alena Siamionauna (Zhuk Alena Syamionauna) Zhuk Elena Semenovna (Zhuk Yelena Semyonovna)	ЖУК, Алена Сямёнаўна	ЖУК, Елена Семеновна		Imħallef tal-qorti distrettwali ta' Pervomayskij f'Vitsebsk. Fl-24 ta' Frar 2012, hija kkundannat lil Syarhei Kavalenka, li kien meqjus bħala priġunier politiku fl-2012 u fl-2013, għal sentejn u xahar il-ħabs talli ma ħarisx il-perijodu ta' prova. Alena Zhuk kienet direttament responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem ta' persuna għax ċaħdet lil Syarhei Kavalenka mid-dritt ta' proċess ġust. Syarhei Kavalenka qabel kien ingħata sentenza sospiża talli dendel barra f'Vitsebsk bandiera bajda-ħamra-bajda storika, simbolu tal-moviment tal-oppożizzjoni, li kienet ġiet ipprojbita. Is-sentenza sussegwenti mogħtija minn Alena Zhuk kienet ħarxa b'mod sproporzjonat meta titqies in-natura tar-reat u mhux konformi mal-kodiċi kriminali tal-Bjelorussja. L-azzjonijiet ta' Alena Zhuk ikkostitwixxew ksur dirett tal-impenji internazzjonali tal-Bjelorussja fil-qasam tad-drittijiet tal-bniedem.

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Isem (Ortografija Bjelorussa)	Isem (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet
228.	Zhuk, Dzmitry Aliaksandravich Zhuk, Dmitri Aleksandrovich	ЖУК, Дзмітрый Аляксандравіч	ЖУК, Дмитрий Александрович	Data tat-twelid: 7.7.1970 ID: 3070770A081PB7 Indirizz: БЕЛОРУССКОЕ ТЕЛЕГРАФНОЕ АГЕНТСТВО Республика Беларусь, 220030, Минск, ул. Кирова, 26	Direttur Ġenerali (Kap Eżekuttiv) tal-Aġenzija tal-Aħbarijiet tal-Istat BELTA minn Mejju 2003. Huwa responsabbli li wassal il-propaganda tal-Istat fil-mezzi tal-informazzjoni, li appoġġa u ġġustifika r-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika u tas-soċjetà ċivili fid-19 ta' Diċembru 2010 bl-użu ta' informazzjoni falsifikata.
230.	Zhukouski, Siarhei Kanstantsinavich Zhukovski, Sergei Konstantinovich	ЖУКОЎСКІ, Сяргей Канстанцінавіч	ЖУКОВСКИЙ, Сергей Константинович		Viċi Prosekutur tad-Distrett Zavodskoi ta' Minsk li qed jittratta l-kawża ta' Khalip Irina, Martselev Sergei, Severinets Pavel, rappreżentanti eċċellenti tas-soċjetà ċivili. L-akkuża ppreżentata minnu kellha motivazzjoni politika ċara u imminenti u kienet ksur ċar tal-Kodiċi tal-Proċedura Kriminali. Hija kienet ibbażata fuq klassifikazzjoni żbaljata tal-avvenimenti tad-19 ta' Diċembru 2010, u mhux appoġġata b'evidenza, provi jew testimonjanzi tax-xhieda.

B. **Entitajiet**

	Ismijiet Traskrizzjoni tal-ortografija Bjelorussa Traskrizzjoni tal-ortografija Russa	Isem (Ortografija Bjelorussa)	Isem (Ortografija Russa)	Informazzjoni ta' Identifikazzjoni	Raġunijiet
1.	Beltechexport		"ЗАО Белтехэкспорт"	Repubblika tal-Bjelorussja, 220012, Minsk, Nezavisimost ave., 86-B Tel: (+375 17) 263-63-83, Numru tal-fax: (+375 17) 263-90-12	Beltechexport tibbenefika mir-reġim bħala esportatur ewlieni tal-armi u tagħmir militari fil-Bjelorussja, li jeħtieġ l-awtorizzazzjonijiet mill-awtoritajiet tal-Bjelorussja
3.	Beltech Holding	Белтех Холдинг			Beltech Holding tibbenefika mir-reġim, b'mod partikolari permezz tal-Beltechexport, li hija parti mill-Beltech Holding. Beltechexport jibbenefika mir-reġim bħala esportatur ewlieni tal-armi u tagħmir militari fil-Bjelorussja, li jeħtieġ l-awtorizzazzjonijiet mill-awtoritajiet tal-Bjelorussja.